**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 25 ta' Mejju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Joseph Mercieca**

**Spettur Robert Vella**

**Vs**

**Floyd Attard**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Floyd Attard, 32 sena, iben Carmelo u Anna nee' Zammit, imwieled Pieta nhar l-!0 t'Awwissu, 1984, u li joqghod nru. 24, Triq id-Duluri, Isla, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 400284M;

Talli nhar l-4 ta' Marzu, 2017, u/ jew fil-jiem/ gimghat/ xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Nhar l-4 ta' Marzu, 2017, f'xi hin bejn is-1:30a.m. u s-6a.m., mill-hanut The Edge Take Away, nru 2, Triq Guze' Duca, Qormi, flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta' flus kontanti, xorb u xi merkanzija ohra, liema serq huqa ggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, ghad-dannu ta' Stephen Bartolo, The Edge Take Away Ltd., u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' w/jew entitajiet ohra;

2) Nhar it-28 ta' Frar, 2017, ghall-habta tal-11:30p.m., minn klinika dentali f'nru. 29, Triq San Bartolomew, Qormi, ikkommetta serq ta' flus kontanti, lap-top u xi oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, ghad-dannu ta' Dr. John Attard Montaldo BChD, Atlas Insurance PCC Ltd., u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entitajiet ohra;

3) Nhar il-21 ta' Frar, 2017, kmieni filghodu, u cioe' qabel is-7a.m., mill-hanut Lunch Box Convenience Cafe' fi Triq Nazzjonali, Hamrun ikkommetta serq ta' flus kontanti, xorb alkoholiku w xi merkanzija ohra, liema serq huwa ggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, ghad-dannu ta' Mark Anthony Tabone, Food Source Ltd. u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' w/jew entitajiet ohra;

4) Bejn it-18 u l-21 ta' Frar, 2017, minn xatt ir-Rizq, Birgu, ikkommetta serq ta' karozza tat-tip Hillman Super Minx, numru tar-registrazzjoni OOI966, liema serq huwa ggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mijau w disgha ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa, liema serq sar ghad-dannu ta' Daniel Garzia u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' w/jew entitajiet ohra;

5) Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, cioe' bejn it-18 ta u l-21 ta' Frar, 2017, f'dawn il-Gzejjer, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' karozza tat-tip Hillman Super Minx, numru tar-registrazzjoni OOI966, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix l-elfejn u hmes mitt euro (€2,500), izda izjed minn mitejn u hamsin euro (€250), ghad-dannu ta' Daniel Garzia u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' w/jew entitajiet ohra;

6) Ukoll, talli fil-perjodu bejn is-17 u t-22 ta' Marzu, 2017, f'hinijiet diversi, fil-Gzejjer Maltin, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika (1) hedded li ser jaghmel xi reat; (b) bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; (c) ghamel uzu mhux xieraq mill-istess network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bi ksur ta' l-Artiklu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Aktar, talli fl-istess perjodu, cioe bejn is-17 u t-22 ta' Marzu, 2017, f'dawn il-Gzejjer, gab ruhu b'mod li ta' fastidju lill-Ispetturi tal-Pulziija Fabien Fleri u Malcolm Bondin, kif ukoll lil John Baldacchino u Twanny Borg, b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-persuni ndikati; bi ksur ta' l-Artiklu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8) Akkuzat ukoll talli fil-lejl bejn il-25 u s-26 t'April, 2017, fil-fond Hertz Rent A Car, fi Triq Hal-Qormi, Luqa, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' bieb tal-hgieg, liema ammont tal-hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda izjed minn mitejn u hamsin euro (€250), ghad-dannu ta' United Garage Ltd., Laferla Insurance Agency Ltd. u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' w/jew entitajiet ohra;

9) Talli, fil-lejl bejn il-25 u s-26 t'April, 2017, fil-fond Hertz Rent A Car, fi Triq Hal-Qormi, Luqa, bi hsara tas-sidien jew tad-detenturi, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta' ta' haddiehor wara li kien mwissi li m'ghandux jidhol jew, xort'ohra, dahal bil-mohbi tas-sidien jew tad-detenturi.

10) Akkuzat ukoll talli kkommetta l-istess reati hawn addebitati, li fil-maggior parti taghhom hemm kontemplat ghalihom piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv t'Ordni ta' probation, ai termini ta' l-Artiklu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li giet imposta fuqu ghal perjodu ta' tlett (3) snin permezz ta' sentenza definittiva mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D.) nhar is-6 ta' Marzu, 2015;

11) Finalment, nakkuzawh ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gia gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fil-25 ta' Mejju 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar piena;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 251A(1)(a)(b)(2)(4), 261, 263(a), 264(1), 267, 270, 271(g), 278(1)(2), 279(a), 280(2), 281(a)(b), 289, 325(1)(b) u 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-Artikoli 7, 10(1)(2)(3)(4) u 21 (1)(2)(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal tmintax-il xahar prigunerija.

Tastjeni milli tiehu provvediment dwar l-ghaxar imputazzjoni, u ghalhekk ma taghti ebda ordni dwar il-ksur ta' Ordni ta' Probation moghtija fis-sentenza datata 6 ta' Marzu, 2015.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**